MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta ta' l-4 ta' Awwissu, 2003

Citazzjoni Numru. 169/2002/2

**Fl-Atti tar-Rikors numru 1422/01JRM fl-ismijiet: Helen BEŻŻINA vs Charles *sive* Carmelo BEŻŻINA**

**Wara l-Mandat ta' Sekwestru Numru 2368/01 fl-ismijiet:**

**Helen Beżżina**

**vs**

**Charles *sive* Carmelo Beżżina**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq minn Carmelo Beżżina fit-12 ta' Frar, 2002, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, talab it-trattazzjoni b'urġenza tar-rikors tiegħu, it-tħassir tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju numru 2368/01 maħruġ fit-8 t'Awissu, 2001, mill-intimata martu, u kif ukoll l-għoti minn din il-Qorti ta' ordni lill-intimata biex tressaq garanzija tajba biex tagħmel tajjeb għall-ħlas tal-penali u d-danni li jistgħu jiġu imposti minħabba l-ħruġ tal-istess Mandat;

Rat il-ħames (5) dokumenti mehmużin mal-istess Rikors;

Rat id-Degriet tagħha tas-26 ta' Marzu, 2002, li bih ir-Rikors tħalla *sine die*;

Rat id-Degriet tagħha tad-29 t'April, 2002, li bih u fuq talba magħmula b'rikors ta' Charles Beżżina fid-19 t'April, 2002, l-atti reġgħu tqegħdu għas-smigħ għall-5 ta' Ġunju, 2002;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimata eżekutanti fit-8 ta' Mejju, 2002[1], li biha u għar-raġunijiet hemm imsemmija hija twarrab għal kollox l-argumenti tal-intimat eżekutat u tisħaq li t-talbiet tiegħu għandhom jiġu miċħuda;

[1] Paġġ. 31-4 tal-atti

Rat id-dokument mehmuż mat-Tweġiba;

Rat il-verbal tas-smigħ tal-5 ta’ Ġunju, 2002;

Rat id-Degriet tagħha tal-5 ta’ Ġunju, 2002, li bih u fuq talba tal-intimata, tat żmien lill-partijiet biex iressqu Nota ta’ Sottomissjonijiet;

Rat illi l-intimata baqgħet sallum ma ressqet l-ebda Nota;

Rat ir-Rikors imressaq mill-intimata eżekutanti fis-27 ta’ Ġunju, 2002, li bih talbet li x-xhieda mressqa fl-atti tar-Rikors Numru 1422/01 bejn l-istess partijiet tagħmel parti mill-atti ta’ dan ir-Rikors;

Rat in-Nota mressqa mill-intimata eżekutanti fis-27 ta’ Novembru, 2002[2], u d-dokument mehmuż magħha;

Rat l-atti kollha tar-Rikors;

***Ikkunsidrat:***

[2] Paġġ. 43 sa 51 tal-atti

Illi din hija proċedura maħsuba taħt l-artikolu 836 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Mit-talbiet li għandha quddiemha l-Qorti, ir-rikorrent qed jipprova jneħħi minn fuqu l-effetti ta' Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju li martu Helen ħarġet kontrih fit-8 t'Awissu, 2001[3], jiġifieri dak inhar stess li l-intimata eżekutanti ressqet proċeduri taħt l-artikolu 258 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta biex teżegwixxi sentenza li kienet ingħatat favur tagħha snin qabel. Il-kawżali tal-Mandat jirreferu għal "manteniment dovut lir-rikorrenti għal kawżali dedotta permezz ta' rikors preżentat kontestwalment fl-istess ismijiet". Il-kreditu msemmi fil-Mandat huwa ta' għoxrin elf u mitejn u tmenin lira Maltija (Lm 20,280). Il-Mandat inħareġ dak inhar stess li tressaq, b'Degriet mogħti fit-8 t' Awissu, 2001;

Illi r-rikorrent eżekutat iqis li l-imsemmi Mandat ma kellux għalfejn jibqa' fis-seħħ għal tliet (3) raġunijiet. Dawn ir-raġunijiet huma fost dawk li l-artikolu 836 (1) tal-Kap 12 jaħseb għalihom u jistgħu jitfissru hekk: (a) li teżisti garanzija oħra xierqa biex tissoddisfa l-pretensjonijiet tal-intimata eżekutanti; (b) li l-ammont imsemmi fil-Mandat m'hux ġustifikat mad-daqqa t'għajn jew huwa eċċessiv; u (ċ) li m'hemmx raġuni siewja għaliex il-Mandat għandu jibqa' fis-seħħ, billi m'huwiex iżjed meħtieġ jew ġustifikabbli li l-Mandat jibqa' fis-seħħ;

Illi, b'żieda mat-talba għat-tħassir tal-Mandat, ir-rikorrent qiegħed jitlob ukoll li l-intimata eżekutanti tiġi ordnata li tagħti garanzija xierqa, fiż-żmien li l-Qorti tagħtiha, biex tagħmel tajjeb għall-ħlas tad-danni u l-imgħax li 'l quddiem hija tista' tiġi kundannata tħallas lir-rikorrent eżekutat. Din it-talba titqies biss jekk l-ewwel talba tar-rikorrent ma tintlaqax;

---

[3] Paġġ. 35-8 tal-atti

Illi għat-talbiet tar-rikorrent, l-intimata eżekutanti tilqa' billi tgħid li m'hemm l-ebda raġuni tajba li għaliha għandu jintlaqa' dak mitlub mir-rikorrent, u dan b'għadd ta' argumenti li l-Qorti sejra tifli 'l quddiem f'dan id-Degriet;

Illi, kif ingħad bosta drabi fi proċeduri bħal dawn, l-istħarriġ li għandha tagħmel il-Qorti huwa biss wieħed *prima facie* u dan għaliex il-mertu jmissu jiġi mistħarreġ fil-kawża proprja bejn il-partijiet[4]. Għalhekk, hija l-fehma tal-Qorti li m'huwiex meħtieġ li tifli fil-mertu l-kwestjonijiet li nqalgħu bejn il-partijiet, liema kwestjonijiet din il-Qorti kif presjeduta stħarrġithom u tat deċiżjoni dwarhom f'Degriet mogħti fis-7 ta' Novembru, 2002, u li minnu l-intimata eżekutanti appellat quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell;

Illi mill-fatti li joħorġu f'dawn l-atti, jirriżulta li dak inhar li l-Mandat inħareġ, l-intimata eżekutanti talbet ukoll il-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni[5] fejn jissemma kreditu ta' Lm 36,082.80. L-imsemmi Mandat intlaqa' b'Degriet tal-14 ta' Settembru, 2001, u billi deher "*prima facie* li r-rikorrenti għandha d-drittijiet x'tikkawtela" il-Qorti eskludiet mill-effetti tal-Mandat il-post fejn joqgħod l-eżekutat. Mill-erba' (4) sekwestratarji msemmija fil-Mandat ta' Sekwestru, wieħed[6] wieġeb li kien żamm taħt idejh is-somma komplessiva ta' għaxart elef u tnejn u tmenin lira Maltija u tnejn u disgħin ċenteżmu (Lm 10,082.92) mill-kontijiet bankarji intestati f'isem ir-rikorrent Beżżina;

Illi l-Qorti sejra tgħaddi biex tqis l-aspetti ta' dritt li jsawru l-każ u li, kif ingħad qabel, ir-rikorrent qiegħed jibnihom fuq

[4] Ara P.A. RCP **7.2.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Visa Investments Ltd. vs Blye Engineering Co. Ltd***
[5] Ara Dok "DS1", f'paġġ. 17 sa 21 tal-atti (Mandat 2369/01)
[6] Ara Dok "CB2", f'paġ. 16 tal-atti

kawżali speċifiċi tal-liġi. Il-Qorti għandha tistħarreġ li r-rekwiżiti mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-Mandat jidhru mill-att innifsu u li dan ma nħariġx b'mod abbużiv[7];

Illi r-rikorrent isemmi tliet kawżali li dwarhom, jew xi waħda minnhom, jistenna li t-talbiet tiegħu jiġu meqjusa:

A) <u>L-ammont mitlub m'huwiex *prima facie* ġustifikat jew hu eċċessiv</u> ġArt. 836(1)(d)ħ. Ir-rikorrent isejjes dan l-ilment tiegħu dwar din il-kawżali billi jgħid li hemm nuqqas ta' qbil bejn dak li l-intimata indikat bħala s-somma tal-kreditu fil-Mandat u dak li ndikat bħala l-kreditu fil-proċedura fil-mertu u li dwarha nħareġ l-istess Mandat. Iżid jgħid ukoll li kien hemm raġunijiet oħrajn li, minħabba fihom, l-ammont pretiż mill-intimata fil-Mandat ma kien mistħoqq xejn. Dwar dan irid jingħad minnufih li bosta mill-argumenti mressqin mir-rikorrent dwar din il-kawżali jagħmlu parti mill-kwestjoni fil-mertu u m'humiex kriterji li Qorti, f'din il-proċedura, hija mistennija li tqis jew tifli biex tasal għad-deċiżjoni dwar jekk għandhiex tordna t-tħassir ta' Mandat kawtelatorju. Validi kemm jistgħu jkunu validi l-ilmenti ta' rikorrent taħt dan il-kap, il-Qorti għandha tevita għal kollox milli tidħol f'analiżi jew deliberazzjoni ta' kwestjonijiet fil-mertu li posthom huwa biss fil-"kawża" li ssir u li in kawtela tal-pretensjonijiet magħmulin fiha jkun inħareġ il-Mandat;

Illi l-Qorti tifhem li l-kejl li għandu jittieħed biex jitqies it-tħassir ta' Mandat kawtelatorju taħt din ir-ras huwa wieħed li jorbot il-kawżali tal-istess Mandat mal-kreditu msemmi fih. Dan ifisser li l-Qorti għandha tistħarreġ fl-ewwel lok jekk jirriżultax mad-daqqa t'għajn li r-rikorrent eżekutant għandu bażi ta' pretensjoni (dak li f'oqsma oħra ta' dritt jissejjaħ il-"*fumus juris*" tal-pretensjoni dedotta), u fit-tieni lok jekk wasalx biex "jillikwida" tali pretensjoni f'somma li taqbel mal-ammont minnu maħluf fil-Mandat. Wieħed

[7] Kumm GMA **23.6.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Paul Ħili et vs Dr. Joselle Farruġia noe et*** (mhix pubblikata)

m'għandu qatt jinsa li f'dan il-kuntest, il-Qorti trid tkun gwidata mill-prinċipju li d-dritt għall-azzjoni ġudizzjarja m'għandux jiġi mxejjen jew imġarrab b'leġġerezza, u l-ieħor daqstant siewi li huwa dritt li persuna tħares l-interessi tagħha fil-milja tagħhom sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jiġi definit minn Qorti[8];

Illi biex ammont imsemmi f'att kawtelatorju jitqies li huwa eċċessiv, jeħtieġ li jintwera li dan ikun eżaġerat fid-dawl tat-talba li ssir[9] jew ikun tant grossolan li ma jistax ma jidhirx mad-daqqa t'għajn bħala wieħed magħmul b'mod ażżardat;

Illi minn dak li rriżulta lil din il-Qorti f'dawn l-atti, ma joħroġ xejn li bih jista' jingħad li, mad-daqqa t'għajn, dak li ntalab mill-intimata jew issemma bħala l-ammont tal-kreditu minnha pretiż kien eċċessiv jew mhux ġustifikat fil-waqt li ntgħamlet it-talba għall-ħruġ tal-Mandat;

Illi għal din ir-raġuni għalhekk il-Qorti ma ssibx li t-talba tar-rikorrent fuq din il-kawżali hija mistħoqqa;

B) <u>L-eżistenza ta' garanzija xierqa oħra biex tagħmel tajjeb għall-pretensjoni ta' min talab il-ħruġ tal-Mandat</u> ġArt. 836(1)(ċ)ħ. Ir-rikorrent jgħid li din il-garanzija alternativa għall-pretensjonijiet tal-intimata eżekutanti teżisti bis-saħħa tal-Mandat ta' Inibizzjoni li l-istess intimata kienet ħarġet kontrih flimkien mal-Mandat ta' Sekwestru taħt eżami. Dwar dan, l-intimata eżekutanti tqanqal argument siewi u rilevanti biex topponi għat-talba tar-rikorrent fuq din il-kawżali: hija tgħid (u jidher mill-atti nfushom li dan huwa minnu) li l-Mandat ta' Inibizzjoni numru 2369/01 inħareġ limitatament, b'esklużjoni ta' ġid

[8] Ara P.A. RCP **29.11.2001** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Vincent Merċieca vs George Galea***
[9] Ara P.A. GV **6.12.1999** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Salvino Farruġia noe vs Exalco Holdings Ltd.***

immobbiljari tal-istess eżekutat, sewwasew minħabba li ntwera li kienu nqabdu flus bis-saħħa tal-Mandat ta' Sekwestru taħt eżami;

Illi dan ifisser li huwa l-Mandat ta' Sekwestru (jew aħjar, l-assi tar-rikorrent eżekutat miżmumin minn wieħed mis-sekwestratarji bis-saħħa tal-Mandat) li qiegħed jikkwalifika ż-żamma fis-seħħ tal-Mandat ta' Inibizzjoni, u mhux bil-kontra. Jekk kellha titntlaqa' t-talba tar-rikorrent għat-tħassir tal-Mandat ta' Sekwestru, l-assi hekk miżmuma mis-sekwestratarju (u li qegħdin jiggarantixxu in parti l-ammont pretiż fil-Mandat ta' Inibizzjoni) ikollhom jinħelsu, ladarba ma jidhirx li, min kellu interess, sejjaħ lis-sekwestratarju biex jiddepożita taħt l-awtorita' tal-Qorti;

Illi ngħad ukoll mir-rikorrent illi bħala garanzija xierqa alternattiva, hemm art li huwa jżomm b'titolu ta' enfitewsi temporanja fil-Mellieħa. Apparti li dan l-immobbli ma jirriżultax imsemmi fil-Mandat ta' Inibizzjoni fuq imsemmi, ingħad li ġid miżmum b'titolu ta' enfitewsi temporanju m'huwiex garanzija adegwata peress li tali titolu jista' jiġi rexiss, daqskemm kreditu li jista' jkun dovut lill-eżekutant minn terza persuna ma jammontax bħala garanzija adegwata fil-konfront ta' intimat ieħor[10]. It-tiftix tal-garanzija xierqa jrid isir fi ħdan l-istess intimat eżekutat, ukoll jekk tali garanzija hija kostitwita "bil-ħruġ ta' att kawtelatorju ieħor". Fuq kollox, il-garanzija trid tkun waħda soda u ċara u trid tkun tikkonsisti fi flus li jkun hemm jew f'assi li jkunu faċilment rejalizzabbli[11]. Hawhhekk ukoll, l-oġġezzjonijiet u l-argumenti mressqin mill-intimata eżekutanti huma għal kollox f'posthom u mistħoqqa;

---

[10] Ara P.A. TM **18.9.2002** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***John Żarb vs Port Cottonera Ltd.***
[11] Ara P.A. TM **20.2.2003** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Ranger Company Ltd vs Euro Imports Ltd***

Illi għalhekk ukoll, il-Qorti ma ntweriet l-ebda raġuni tajba biex tqis li tħassar il-Mandat fuq din il-kawżali;

Ċ) <u>Jintwera li fiċ-ċirkostanzi m'huwiex raġonevoli li l-mandat jinżamm fis-seħħ jew li huwa ġustifikabbli</u> ġArt. 836(1)(f)ħ. Dwar din il-kawżali, ir-rikorrent itenni biss li l-Mandat m'għandux jibqa' fis-seħħ għar-raġunijiet l-oħrajn li semma qabel. Ladarba l-Qorti ma sabitx li r-rikorrent kellu raġuni tajba taħt il-kawżali l-oħrajn, ikollha ssib li lanqas din il-kawżali ma hija mistħoqqa;

Illi, fuq dawn il-mottivi wkoll, il-Qorti jkollha ssib li r-rikorrent ma tahiex raġuni tajba biex tħassar il-Mandat in kwestjoni;

Illi, minkejja dan, il-Qorti ma tistax tinsa għal kollox li, sewwasew minħabba l-effetti drastiċi tal-Mandat, iseħħu konsegwenzi kultant serji li jħallu l-effetti tagħhom fuq il-parti intimata. Kemm hu hekk, il-Qorti tifhem sewwa li r-rikorrent jista' qiegħed iġarrab ħsara kontinwa bil-Mandat fis-seħħ ma kull jum li jgħaddi. Din il-ħsara ma tistax madankollu tkun ir-raġuni biex il-Mandat jitneħħa. Kieku l-liġi kellha titfisser b'dan il-mod, l-ebda Mandat effettiv ma jibqa' fis-seħħ ladarba jiġi muri li l-parti intimata f'dak il-Mandat tkun qegħda tbati;

Illii bil-ħniena għandu għalfejn jingħad li jekk, minħabba l-ħruġ ta' Mandat kawtelatorju, il-parti intimata ġġarrab ħsara u dannu, il-liġi nnifisha tagħti lil dik il-parti l-jedd li tressaq 'il quddiem azzjoni għad-danni kontra dik il-parti li tkun ħarġet il-Mandat[12];

---

[12] Art. 836(9) tal-Kap 12

Illi r-rikorrent talab ukoll rimedju alternativ għat-tħassir, jew tħassir in parti, tal-Mandat ta' Sekwestru taħt eżami. Talab it-tqegħid min-naħa tal-intimata eżekutanti ta' garanzija xierqa biex tagħmel tajjeb għad-danni li l-istess rikorrent jista' juri li ġarrab minħabba l-Mandat[13]. Il-Qorti, ladarba ma sabitx raġunijiet tajbin biżżejjed biex tħassar għal kollox l-effetti tal-Mandat, sejra issa tqis u tara jekk għandhiex tipprovdi dwar din it-talba;

Illi jrid jingħad qabel xejn li r-rikorrent la ressaq talba formali, la ġab provi dwar liema waħda (jew uħud) miċ-ċirkostanzi speċifiċi msemmija mil-liġi qiegħed jippretendi li l-intimata tiġi kundannata tħallas il-penali, u lanqas għamel sottomissjonijiet dwar xi impożizzjoni ta' penali kif maħsuba fl-artikolu 836(8). Għalhekk, il-qies tal-kwestjoni tal-garanzija mitluba minnu fit-tielet talba tiegħu taħt l-artikolu 838A sejra titqies biss fid-dawl "ta' danni u imgħax" li r-rikorrent jista' jkun intitolat għalihom minħabba l-Mandat maħruġ kontrih;

Illi dwar il-<u>kwestjoni tal-għoti tal-garanzija mill-intimata eżekutanti,</u> irid jingħad li l-Qorti tfisser l-applikazzjoni tal-artikolu partikolari tal-liġi bħala wieħed alternattiv għat-talba għat-tħassir tal-Mandat. Kemm hu hekk, id-dispożizzjonijiet tal-artikolu tal-liġi dwar l-għoti ta' garanzija min-naħa tal-eżekutant huma mqegħda f'artikolu differenti minn dak li jitkellem dwar it-tħassir tal-Mandat, u anzi jista' jingħata biss jekk kemm-il darba t-talba għat-tħassir tal-Mandat ma tintlaqax kollha jew imqar in parti, jiġifieri sakemm il-Mandat ikun b'xi mod għadu fis-seħħ[14]. Li kieku ma kienx hekk, l-aħħar erba' kelmiet tal-artikolu partikolari kienu jkunu ddaħħlu fil-liġi għalxejn;

[13] Taħt l-art. 838A tal-Kap 12
[14] Ara P.A. RCP **30.5.2002** fl-Atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Joseph Demicoli vs Coleiro General Supplies Ltd.***

Illi minbarra dan il-liġi trid ukoll li lill-Qorti tintwera "kawża ġusta" biex twassalha tqiegħed fuq il-parti eżekutanti ta' Mandat kawtelatorju l-piż li toffri garanzija tajba. Il-fatt waħdu li jkun inħareġ il-Mandat ma jitqiesx bħala "kawża ġusta" għall-finijiet ta' dan l-artikolu[15]. Irid ikun hemm raġunijiet oħrajn, iżjed serji u impellenti, li jwasslu lill-Qorti tagħti dik is-sanzjoni;

Illi ngħad ukoll li d-danni li għalihom jirreferi l-artikolu taħt eżami huma dawk li l-intimat eżekutant jista' jipprova li jkun ġarrab direttament minħabba l-ħruġ tal-att kawtelatorju[16], u dment li jikkonkorru l-elementi mitluba mil-liġi għal tali likwidazzjoni;

Illi l-ammont tal-garanzija li jrid jiġi iffissat irid iżomm bilanċ xieraq bejn il-jedd li persuna tressaq att kawtelatorju biex iħares il-pretensjonijiet tagħha f'kawża pendenti, u l-effett li tali att iħalli fuq il-persuna li kontra tagħha jinħareġ dak il-Mandat. Ta' min jgħid hawnhekk li l-ordni biex tingħata garanzija m'hijiex l-istess bħal kundanna ta' penali jew kundanna għall-ħlas ta' danni: l-għan waħdieni tagħha huwa li tqiegħed lill-parti eżekutata f'qagħda li, meta u jekk tibda proċeduri għal dan il-għan, issib assi li fuqhom tkun tista' teżegwixxi deċiżjoni favorevoli għaliha;

Illi wara li qieset iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, u b'mod partikolari l-prinċipji mfissrin mill-Qrati tagħna dwar l-applikabiltia' tas-sanzjoni tal-garanzija, il-Qorti ssib li ma jidhirx *prima facie* li l-intimata aġixxiet b'qerq jew bi traskuraġni biex tħares il-pretensjoni tagħha li teżegwixxi t-titolu eżekuttiv li għandha kontra żewġha r-rikorrent.

[15] Ara P.A. TM **4.10.2002** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Paul Caruana vs Rudolphe Gaerty***
[16] Ara P.A. GC **2.3.2001** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Avukat Vincent Falzon noe vs Alex Sullivan***

Lanqas ma ntwera x'inhuma d-danni li r-rikorrent qiegħed iġarrab bil-Mandat fis-seħħ. Diffiċli, għalhekk, illi din il-Qorti tasal biex issib li hemm ħtieġa li tordna lill-intimata eżekutanti biex toffri garanzija biex tagħmel tajjeb għal dak li ma jirriżultax mad-daqqa t'għajn;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tipprovdi dwar ir-Rikors ta' Charles *sive* Carmelo Bezzina billi:

**Tiċħad it-tieni talba** tiegħu billi ma hijex mistħoqqa fil-liġi u mill-fatti;

**Tiċħad it-tielet talba** rikorrenti billi ma ntwerietx kawża ġusta, biex timponi fuq l-intimata l-għoti ta' garanzija kif maħsub fl-artikolu 838A tal-Kap 12;u

Tordna li l-**ispejjeż ta' din il-proċedura** jitħallsu mir-rikorrent.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------